MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2003

Rikors Numru. 676/1997/1

Emanuel Bondin
vs
Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru gia
Segretarju Amministrattiv u Dipartiment tax-Xoghol.

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta’ Mejju 1987 u l-15 ta’ Mejju 1995 u precizament fl-1990 hu sofra ingustizzja billi gie trasferit u tilef l-opportunita’ ta’ impieg.

Illi l-fatti fil-qosor kienu dawn:

Illi hu kien impjegat mad-Dejma fl-1983 u wara xi xhur gie ppostjat mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili bhala painter: hawnhekk dejjem qeda dmiru tajjeb u kif mehtieg u kien ghal qalbu hafna.

Illi fl-1990 baghat ghalih is-Sur Jones mill-Labour Office u qallu li se jibghatu il-Valletta Harbour bhala labourer ghalkemm hu kien jirregistra bhala fireman, health assistant jew xi haga simili.

Illi  persuni ohra li gew warajh thallew mal-Avjazzjoni Civili u llum huma mpjegati regolarment hemmhekk waqt li llum hu disokkupat.

Illi hu kien bi hsiebu jsostni l-ilment tieghu permezz tax-xhieda indikati fl-elenku li jindika ukoll il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji billi jordna li jigi mpjegat mal-Avjazzjoni Civili jew kif jidhirlu jew jinghata rimedju billi jigi akkordat is-somma ta’ hamest elef lira.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tas-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru u tad-Direttur tax-Xoghol li eccepew:

Is-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru mhuwiex il-legittimu kontradittur ghall-ilment fit-termini ta’ l-Artikolu 181B tal-Kap 12.

Illi kwantu ghall-meritu ghandu jinghad illi l-fatti rilevanti huma s-segwenti:

Is-Sur Emmanuel Bondin kien membru tad-Dejma liema Korp gie xolt fis-sena 1987.  Dak iz-zmien il-membri tad-Dejma kienu nghataw opportunita` li jaghzlu li jidhlu fl-Iskema dwar haddiema Awziljarji u Tahrig (A.W.T.S.).  Is-Sur Bondin dahal f’din l-Iskema.

L-Iskema dwar haddiema awziljari u tahrig (A.W.T.S.) kienet giet imwaqqfa permezz tal-Att XVIII tal-1987 kienet mahsuba biex tipprovdi impjieg temporanju ghall-membri taghha sakemm jigi offrut lilhom xoghol adattat.  Ma

kellhom ebda garanzija li jinghataw post mal-Gvern, u anqas u anqas li jinghataw l-istess xoghol li kienu jaghmlu bhala membri tad-Dejma qabel giet xolta.

Fuq talba tal-Valletta Harbour Works (li kienet Kumpanija parastatali) ghall-haddiema f'diversi snajja, fosthom labourers u carpenters/Shutters, is-Sur Bondin intbaghat mal-Kumpanija u gie mqabbad jahdem maghha fis-16/4/90. Dam hemm sal-18/5/90 meta sab impieg bhala Delivery man/Driver mad-ditta John Pace.

Ma jirrizultax li s-Sur Bondin kien jirregistra ghal fireman jew ghal health assistant kif qieghed jallega. Minn lista ta' haddiema awziljari li qed tigi esibita jidher li s-Sur Bondin kien muri li qieghed jirregistra ghal labourer (light) u carpenter (shutter). Persuni jfittxu mpieg ma kienux dak iz-zmien jithallew jirregistraw ghal "fireman" jew "health assistant" wehidhom ghaliex dawn huma zewg snajja' li kwazi esklussivament mal-Gvern.

Ghal skopijiet ta' mpjieg, il-membri tad-Dejma li dahlu fl-Awziljari kienu zammew l-istess registrazzjoni, bl-istess ghazliet (sakemm ma talbux specifikament biex ibiddluhom) li kellhom meta bdew jirregistraw l-ewwel darba jigifieri qabel dahlu fid-Dejma u dan sakemm ma talbux specifikament li jbiddlu l-ghazliet li kienu ghamlu l-ewwel darba.

Jirrizulta mill-kotba tax-xoghol li s-Sur Buttigieg is-Sur Gelfo, is-Sur Cucciardi li qeghdin imsejha bhala xhieda mis-Sur Bondin, kien gew impjegati mad-Dipartiment ta' l-Avjazzjoni Civili fis-sena 1979 u ghalhekk qatt ma setghu jikkompetu mas-Sur Bondin ghall-mili ta' postijiet battala f'dak id-Dipartiment.

Ra l-lista ta' xhieda u dokumenti ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra.

**PROVI:**

Illi r-rikorrent pprezenta affidavit fejn qal li mill-1988 sal-1989 kien mad-Dejma, mill-1989 sal-1990 ma l-A.W.T.S. Qal li meta gie trasferit mal-Valletta Harbour Works gie moghti xoghol totalment differenti milli kien jaghmel qabel, ma hassx li x-xoghol kien ta' sigurta' u wara t-trasferiment gietu opportunita jimpjega ruhu ma' haddiehor. Spjega li kellu jiehu din l-opportunita' peress li kien jidher li hu ser jispicca bla xoghol. Qal li saz-zmien li dam hemm sal-1990 applika ghal diversi partijiet izda qatt ma rcieva xejn fil-pozittiv. Semma wkoll li f'xi zmien il-Labour Officer kien tilef il-ktieb tax-xoghol tieghu u meta nstab kienu baghtuh il-Valletta Harbour Works, li kien jidher car li kien post temporanju filwaqt li shabu ohrajn fil-frattemp intbaghtu f'postijiet fejn xtaqu. Qal li hu kien telaq mill-Valletta Harbour Works ghax beza' li jispicca bla xoghol u anki ghax kien xoghol strapazzuz u kien qed ibati b'dahru. Qal li l-ilment principali tieghu hu li ntbaghat mall-Valletta Harbour Works.

Xehed Lawrence Cucciardi li qal li kien jahdem mar-rikorrent. Qal li r-rikorrent kien jaghmel xoghlu tajjeb. Imbaghad jaf li r-rikorrent kien spicca minn hemmhekk ghax kien mar il-Valletta Harbour.

Xehed Salvu Buttigieg li kien jahdem bhala Technical Officer mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili. Qal li r-rikorrent kien ghamel xi sitt snin jahdem tahtu. Qal li kien haddiem tajjeb u li xoghlu dejjem ghamlu sew. Semma li haddiema ohrajn li kien hemm bhalu kienu marru l-Health Department u r-rikorrent kien intbaghat il-Valletta Harbour.

Xehed il-Perit Cacopardo Chairman Ezekuttiv tal-Valletta Harbour Works minn 1988 sa Gunju tal-1992. Qal li din kienet Kumpanija parastatali li meta sar Chairman sab li minn workforce ta' 170 kien hemm xi 140 li kienu seconded f'postijiet ohra. Qal li kien beda jzid ix-xoghol imma l-impjegati kienu bdew jonqsu ftit ghal diversi ragunijiet. Zied ighid li dawk l-impjegati kienu kollha fuq

bazi ta' kuntratt indefinit. Qal li meta mbaghad kien lahaq Chairman tal-Kalaxlokk lil dawn in-nies kollha integrahom mal-Kalaxlokk bl-approvazzjoni tal-Gvern.

Xehed David Jones Assistant Principal fid-Dipartiment tax-Xoghol fl-1993. Dawn in-nies tad-Dejma qal li dawn spiccaw fl-iskema ta' l-Awziljari u ma kien hemm l-ebda garanzija ta' mpjieg. Qal li meta r-rikorrent baghtuh il-Valletta Harbour Works hu kien fl-iskema tal-Awziljari u kien intbaghat hemm peress li kien irregistra bhala Carpenter u Labourer.

Xehed Anthony Vella Director Operations li kien Segretarju tal-bord dwar l-iskema u kienu jassenjaw in-nies li kienu fid-Dejma u l-A.W.T.S. ma' xi dipartimenti. Qal li dawn in-nies ma kellhomx kuntratti. Zied ighid li l-haddiema tad-Dejma kienu distinti mill-haddiema hekk imsejha rregolari anke peress li huma dahlu b'mod regolari.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk jirrizulta li l-ilment tar-rikorrent hu bazat fuq li kien gie trasferit mal-Valletta Harbour Works. Irrizulta li r-rikorrent kien originarjament dahal mad-Dejma u wara spicca fl-A.W.T.S. u kien assenjat jaghmel xoghol mad-Dipatiment tal-Avvjazzjoni Civili. L-iskop tal-iskema kien li jinsab impieg permanenti lil dawn in-nies. Ftit wara li r-rikorrent beda jahdem il-Valletta Harbour Works, hu sab impieg privat u dahal jahdem hemm minhabba li hass li x-xoghol kien ta' strapazz u ma kienx jofri sigurta'. Ir-rikorrent jilmenta li gie trattat b'mod ingust minhabba li kien gie trasferit il-Valletta Harbour Works waqt li haddiema ohrajn li kien hemm bhalu kienu marru l-Health Department.

Izda hawn it-Tribunal bil-fors jrid jaghmel dawn il-kummenti:

1. Ir-rikorrent ma kellu ebda titolu ta' impieg definittiv u ebda kuntratt;
2. L-iskop tal-iskema tal-A.W.T.S. kien li jinsab impieg iehor ghall-applikanti;

3. Ir-rikorrent jilmenta li gie trasferit il-Valletta Harbour Works u mhux Dipartimenti ohra; ghalkemm anke ghal haddiem irregolari jew bla kuntratt fiss xorta wahda japplika il-principju tal-esigenzi tas-servizz kif interpretat mit-Tribunal irrizulta li r-rikorrent ma kienx l-uniku wiehed li gie trasferit u ghalhekk kien hemm l-esigenzi li haddiema mal-Avvjazzjoni Civili jigu trasferiti; jibqa' biss li wiehed jaghmel id-domanda ghaliex ir-rikorrent mal-Valletta Harbour Works u haddiema ohra postijiet ohra? Izda hawnhekk jinghad li ma ingabet ebda lista ta' haddiema trasferiti mid-Dipartiment tal-Avvjazzjoni Civili, u ghal fejn gew trasferiti, u minn minnhom kien jahdem l-ahjar, jew jekk inkisirx xi principju ta' suitability u ghalhekk it-Tribunal ma jistax jaghmel certu ivalwazzjonijiet.
4. Meta r-rikorrent intbaghat il-Valletta Harbour Works hu kien intbaghat hemm peress li kien irregistra bhala Carpenter u Labourer.

Ma jidhirx li dawn jammontaw ghal xi ingustizzwja kif definita mil-Kap 394. Ghal dawn il-motivi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

-------------------------------TMIEM-------------------------------